MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 2704/1996/1

**Express Aluminium Limited**
**vs**
**Dr.Raymond Zammit u l-PL.Veronica Rossignaud konfermati kuraturi deputati b' digriet tal-10 ta' Ottubru 1996 biex jirrappresentaw lis-socjeta' estera assenti Vetreria Ursi s.r.l; u Express Trailers Limited; u b' digiret tas-17 ta' Novembru 1997 gie kjamat fil-kawza Giuseppe Ferrara f' ismu proprju ezercitanti l-kummerc u f' isem id-ditta estera Autotrasporti Ferrara Geom Giuseppe, u b' digriet tal-4 ta' Frar 1998, l-Avukat Dr.Renzo Porsella Flores u l-PL.Jean Pierre Busuttil gew nominati bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti Giuseppe Ferrara proprio et noe ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk: Peress illi s-socjeta' attrici

ordnat minghand is-socjeta’ konvenuta Vetreria Ursi s.r.l., kunsinna ta’ hgieg, li kellu jigi trasportat sa hawn Malta u s-socjeta’ konvenuta l-ohra Express Trailers Limited giet inkarigata ghal dan il-ghan.

Peress illi meta din il-kunsinna giet konsenjata lis-socjeta’ attrici, irrizulta illi l-bicca l-kbira ta’ dan il-hgieg kien miksur bil-konsegwenza li gie kagunat dannu lis-socjeta’ attrici.

Peress illi s-socjeta’ attrici ghamlet diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ghal-hlas ta’ danni lilha kagunati izda ebda wiehed mill-konvenuti ma ried jerfa’ r-responsabilita ghal dak li gara lill-hgieg tal-attur.

Peress illi oltre dana kollu s-socjeta’ konvenuta Express Trailers Limited qeghedha wkoll tippretendi li tithallas ghat-trasport ta’ dan il-hgieg u dan skond l-‘invoice’ esebita li hija ghas-somma ta’ disa’ mija u hamsa u ghoxrin lira u seba’ u disghin centezmu (Lm 925.97), liema somma giet depozitata permezz ta’ cedola ta’ depozitu li giet prezentata kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni. Illi minhabba din il-kwistjoni s-socjeta’ attrici kellha terga tordna hgieg iehor bil-konsegwenza illi kellha terga thallas ghat-trasport li kompla jzid id-danni sofferti mis-socjeta’ attrici.

Peress illi d-dannu kagunat lis-socjeta’ attrici li huwa fl-ammont ta’ hamsin miljun u disa’ mija u ghoxrin elf u hamsin lira taljani (lt 50, 920, 500) ekwivalenti ghal cirka tnax-il elf u mija u hmistax-il lira (Lm12, 115.00) gie kawzat minhabba negligenza u nuqqassijiet da parti tal-konvenuti jew min minnhom minn meta dan il-hgieg tqieghed fuq it-‘trailer’ sa meta telaq minn l-Italja.

Jghidu l-konvenuti jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni kagunati lis-socjeta’ attrici fil-konsenja tal-kunsinna tal-hgieg minnha ordnati.

2. Tillikwida d-danni lilha kagunati fis-somma ta' tlettax-il elf u erbghin lira u seba' u disghin centezmu (Lm 13, 040.97) jew somma ohra verjuri.
3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes u l-imghax kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Express Trailers Limited li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-hgieg illi gie konsenjat lis-socjeta' attrici allegatament miksur, inkiser, jew sew inkiser, peress illi l-ippakjar u/jew l-ippreparar tal-hgieg ghall-garr internazzjonali intenzjonat, illi sar mis-socjeta' konvenuta l-ohra Vetreria Ursi s.r.l. (l-esportatrici), ma sarx u/jew kien insufficenti u/jew sar hazin; u s-socjeta' konvenuta Express Trailers Limited (il-*road carrier*) m'hijiex risponsabbli ghall-ippakjar u l-ippreparar tal-merkanzija ghal garr u, konsegwentament, m'hijiex risponsabbli hi ghad-danni allegati mis-socjeta attrici;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suecepit, il-hgieg in kwistjoni inkiser minhabba *forza magguri* li ghaliha s-socjeta' konvenuta Express Trailers Limited ma twigiebx;
3. Illi s-somma ta' tlettax-il elf u erbghin lira u seba' u disghin centezmi maltin (Lm13,040.97) illi s-socjeta' attrici qed tallega illi soffriet bhala danni hija eccessiva u, *in ogni caso*, trid tigi ppruvata.

Bl-ispejjes u salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat in-noti tal-eccezzjonijiet tal-kuratur deputat Dottor Raymond Zammit permezz ta' liema eccepixxa: Illi hu mhux edotti mill-fatti u jitlob lill-atturi jindikawlu fejn u kif jista' jikkomunika mas-socjeta' estera Vetreria Urso; Illi t-talbiet attrici fil-konfront ta' din is-socjeta' estera huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; u li din l-Qorti m' ghandha ebda gurisdizzjoni fuq is-socjeta' Vetreria Urso;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil li hiba eccepew li huma ma kienux edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u rriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet opportuni ulterjorment;
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet kollha u l-lista tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-assjem tal-provi ddelinea ruhhu s-segwenti kwadru tal-fatti li gew provati sodisfacentement. F' Marzu tas-sena 1996 is-socjeta' attrici kienet ordnat minghand is-socjeta' Vetreria Urso kwantita' ta' hgieg, mqtugh a misura, bil-prezz ta' 59,080.68 liri taljani[1]. Illi s-socjeta' Bonalco Aluminium Ltd. kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta Express Trailers Limited[2] biex tiehu hsieb it-trasport ta' din il-merkanzija mil Italia ghal Malta, u din minn naha taghha kient inkarigat lis-socjeta' estera Autotrasporti Ferrara Geom Giuseppe sabiex iggorr il-merkanzija mil Italia ghal Malta.

Illi konsegwentement il-merkanzija giet mghobbija fuq it-trailer tas-socejta' Autotrasporti u kienet giet ippakkjata mis-socjeta' esportatrici Vetreria. Jirrizulta li matul it-tragit, li kien jinvolvi trasport bit-triq u bil-bahar, parti sostanzjali tal-merkanzija sofriet hsara rizultat tal-fatt li nqatet minn mal-kavalletti u tmejlet lagenba.

Illi fid-dikjarazzjoni solenni maghmula minn x-xufier tat-trailer, Giuseppe Germano, inkarigat mill-vjagg mill-konvenuta Autotrasporti, spjega li meta fit-28 ta' Marzu 1996 huwa mar biex jghabbi l-merkanzija, nduna li "lo stivaggio della merce eseguito dalla Ditta [s-socjeta' Vetreria] non era regolare, lo feci notare al titolare, il quale dopo varie discussioni, mi ha garantito la sicurezza del carico per il prosiguo del trasporto, assumendosi tutte le

[1] Fattura fols.7-8
[2] Kif jirrizulta mill-ittra datata 14[th] March 1996 – Fol.98

responsabilita' ed aggiungendo per maggiore sicurezza cingie e legature varie"[3] Huwa jkompli jispjega li meta wasal Bari biex jaffettwa kariku iehor nnota li l-merkanzija kienet iccaqalqet minhabba li tqattaw il-hbula.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qoti**

Illi mill-provi rrizulta sodisfacentement li meta l-merkanzija kient tghabbiet fuq it-trailer mis-socejta' Vetreria, dina kienet f' kondizzjoni tajba, u l-hsara sehhet matul it-tragit fl-Italia meta kienet qeda tigi trasportata mis-socjeta' konvenuta Autotrasporti. Is-socjeta' Vetreria qeda ssostni li l-hsara fil-merkanzija kienet rizultat ta' sewqan hazin u bl-addocc tas-sewwieq tas-socjeta' Autotrasporti, fil-waqt li din tal-ahhar u s-socjeta' konvenuta Express Trailers qed isostnu li l-hsara kienet dovuta ghall-inadegwatezza fl-ippakkjar tal-merkanzija da parti tas-supplier Vetreria. Dawn il-konvenuti sostnu li l-ippakkjar kien assolutament inadegwat ghat-trasport internazzjonali, tenut kont ukoll tal-fatt li t-trailer kellu jghamel tragitt kemm bl-art u kif bil-vapur bl-istrapazz kollu li dan kien jinvolvi. Dawn isostnu li l-merkanzija fl-ippakkjar taghha ma kellhiex protezzjoni bizzejjed u li rbit bic-cineg biss ma kienx bizzejjed. Di fatti, konsenja sussegwenti ta' materjal simili maghmula mis-socjeta' Vetreria lil Express Aluminium ma sofriet ebda hsara u waslet f' kondizzjoni perfetta, nonostante li ghamlet l-istess tragitt, u dana peress li l-ippakkjar kien maghmul kompletament differenti u kien pienament adegwat ghat-tragitt li kien ser isir.

In propositu l-Qorti tosserva li mill-provi prodotti rrizultaw elementi ta' prova li jsahhu t-tesi li d-dannu li sofriet il-merkanzija kien <u>unikament dovut ghall-ippakkjar inadegwat da parti tas-socejta' Vetreria</u>. Dan jirrizulta kemm mid-dispozizzjoni tad- diversi xhieda kif ukoll mir-ritratti esebiti. Inoltre, ma rrizultat ebda prova li tikkorrobora t-tesi tas-socjeta' Vetreria li d-dannu kien kagjonat minn sewqan bl-addocc u hazin da parti tas-sewwieq tat-trailer. Kien jispetta lil din is-socjeta' li tressaq provi in sostenn ta' din l-allegazzjoni ta' fatt, fuq l-

---

[3] Fol.229

istregwa tal-massima *onus pobandi ei qui dicit non ei qui negat*;  izda l-konvenuta Vetreria, ma resqet ebda prova f' dawn il-proceduri u llimitat ruhha billi tichad ir-responsabilita' ghall-akkadut u xejn aktar.

*Responsabilita'*

Illi in propositu ghar-responsabilita' legali, is-socjeta' konvenuta **Express Trailers Limited** qed issostni li r-responsabilita'  taghha bhala *carrier* hija limitata ghall-garr tal-merkanzija, u fil-kaz prezenti l-ippakkjar tal-merkanzija sar mis-socjeta' esportatrici l-konventa Vetreria Urso u ghalhekk dina ghandha tassumi r-responsabilita' ghall-ippakkjar inadegwat tal-merkanzija u ghall-konsegwenzjali danni.  In sostenn tal-kaz taghha il-konvenuta Express Trailers ccitat l-Artikolu 17[4][b] tac-CMR[4].  Hija ssostni li in-norma kontenuta f' dan l-Artikolu ssib il-bazi logika taghha fuq il-fatt li l-kompitu tal-*carrier* huwa li jgorr il-merkanzija;  mentri  il-persuna l-izjed kompetenti biex tippakkja l-merkanzija hija dik responsabbli ghall-manufattura taghha.

Illi s-socjeta'konvenuta Vetreria Urso minn naha taghha qed issostni li "it-trasportatur kellu l-obbligu jara li x-xoghol tul it-tragitt ma jsirlux hsara, u jekk kellu dubju fuq il-mod li bih kien marbut ix-xoghol, hu ma kellux jitlaq bil-vjagg qabel ma jkun sodisfatt..[omissis] .. It-trasportatur kien jaf li din kienet merkanzija delikata u ghalhekk il-livell ta' diligenza li kellu jzomm kienet wahda gholja.  It-trasportatur ma wettaqx l-obbligu tieghu kif jixraq, u f' kull pobabbilita' kien b' hekk grat il-hsara.[5]

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li, in difett ta' patt espress bejn il-partijiet id-disposizzjonijiet tal-imsemmija Konvenzjoni huma inapplikabbli ghall-kas in disamina[6] stante li ma jidhirx li c-CMR Rules jifformaw per se parti ntegrali mill-

---

[4] Convention on the Contract of the International Carriage of Goods By Road – [1956]

[5] Nota osservazzjonijiet Fols.215-216

[6] App.Kum. ***Alfred Grima vs Saviour Mifsud*** *[1991]* vol.LXXIII.II.648.  Fil-kaz in ezami ma kienx hemm ftehim espress bejn il-partijiet f' dan is-sens, izda semplicement gie esebita kopja ta' kont datat 8.04.1996 li hareg in segwitu ghall-incident u li fuqu hemm referenza ghal dawna ir-regola.  Din l-uniku element ta' prova li hemm f' dan ir-rigward mhijex sufficjenti sabiex tirrendi applikabbli dawn ir-regola ghar-relazzjonijiet bejn il-kontendenti.

ligijiet nostrali; imma huma applikabbli l-principji generali tal-Kodici Civili dwar ir-reponsabilita'ta' min ikollu fil-pussess tieghu oggett ta' haddiehor.

Illi ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza il-punto di partenza ghandu jkun il-fatt sodisfacentement provat li kienet is-socjeta' Vetreria Urso li kienet responsabbli ghall-ippakkjar tal-merkanzija fil-container. Dan il-fatt rrizulta mill-provi u ma giex kontraddett minn provi li juru l-kuntrarju. Minn naha tas-sewwieq, irrizulta, wkoll inkontraddett, li dan kien wera l-preokkupazzjoni tieghu mat-titolari ta' din il-kumpanija dwar il-mod irregolari kif kienet stivata l-merkanzija, u kien wara li zdiedu izjed hbula u legaturi u wara li l-proprjetarju kien assigurah mis "sicurezza del carico per il-prosiguo del trasporto" u wara li dan kien assuma "tutte le responsabilita" li s-sewweiq telaq fi triqtu. Din il-versjoni da parti tas-sewwieq tat-trailer, apparti mill-fatt li ma tinsab kontradetta minn ebda prova, hija wkoll verosimili. Inoltre, minn imkien ma rrizulta, dak sostnut mis-socjeta' Vetreria, li dana wera nuqqas ta' diligenza fis-sewqan u li d-danni kienu rizultat ta' sewqan bl-addocc da parti tas-sewwieq. Ma ngabet ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni, li, fil-fattispecie tal-kaz, hija biss kongettura u xejn aktar, ghal kuntrarju ghal-fattur tal-istivar inadegwat tal-merkanzija li rrizsulta provata minn xhieda u mir-ritratti esebiti.

Illi in vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li, gialadarba rrizulta li l-ippakkjar kienet responsabbli ghalih unikament is-socjeta' Vetreria Urso, u gialadarba rrizulta li fil-fatt l-ippakkjar sar minn din is-socjeta' u gialadarba ma rrizultat ebda prova li setghet titfa ombra dwar negligenza fit-trasport, l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Express Trailers huma sostenibbli u qed jigu akkolti.

Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha s-socjeta' **Autotrasporti** sostniet li din ma tistax tinstab responsabbli f' dawn il-proceduri, vis a vis is-socjeta' attrici, stante li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejniethom. In propositu l-Qorti tosserva li l-gurisprudenza tinsenja li kull sub appalt raggjunt bejn l-

appaltatur u terz – minghajr il-partecipazzjoni jew intromissjoni da parti tal-appaltatur originali – huwa *res inter alios acta* u n-norma applikabbli f’ kaz bhal dan hija *pacta tertiis nec presunt nec nocent. [App.Civ.**Emanuel Abela vs Perit Fred Valentino** [1998] Vol.LXXXII.II.1203; App.Civ.**Joseph Chetcuti noe vs Peter Paul Camilleri** [1998] Vol.LXXX.II.1305; App.Civ. **Paul Musu vs Francis Vella** [1998] Vol.LXXXII.II.1336; PA [JF] **Benjamin Bonnici vs Francis Vella** 30.10.2000].* Ghaldaqstant, stante li mill-provi ma rrizultax nexus guridiku bejn is-socjeta’ attrici u din is-socjeta’ kjamata in kawza, din is-socjeta’ ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi rigward is-socjeta’ konvenuta **Vetreria Urso**, mill-fatti u konsiderazzajonijiet premessi ghandu jirrizulta car li f’ dan il-kaz din, bhala s-socjeta’ li hadet hsieb l-ippakkjar tal-merkanzija u fin-nuqqas ta’ prova ta’ negligenza u inkompetenza da parti tas-sewwieq tat-trailer, ghandha tinzamm unikament responsabbli ghal hsara li sofriet is-socjeta’ attrici.

**Gurisdizzjoni**

Fin-nota tal-eccezzjonijiiet ulterjuri, is-socjeta’ Vetreria Urso eccepiet li din il-Qorti ma ghandha ebda gurisdizzjoni fuqha. Fl-ewwel lok jigi rilevat li ma giex specifikat is-sub inciz tal-Art.472 li fuqu din il-konvenuta qeda tibbaza l-eccezzjoni taghha, lanqas fid-dikjarazzjoni guramentata; fit-tieni lok ghandu jinghad li, fuq l-istregwa tal-principju li min jallega jrid jipprova, kien jispetta lill-istess socjeta’ li tipprova dak minnha allegat.[7] F’ dan il-kaz, Vetreria Urso ma resqet ebda prova in propositu, lanqas indikazzjoni tal-bazi fattwali tal-eccezzjoni taghha.

Illi jigi rilevat in propositu li skond is-sub inciz [f] tal-artikolu precitat, il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin hija radikata f’ kaz ta’ kwalunkwe obbligazzjoni kuntrattata favur persuna legali li topera f’ Malta, purche’ is-sentenza tista’ tkun esegwita f’ Malta. Applikata din in-norma legali procedurali ghal kaz odjern, dak li huwa mehtieg biex tigi radikata l-gurisidizzjoni ta’ din il-Qorti fil-konfront tas-

[7] QK. ***Ronald Naudi noe vs Avk.J.Ganado et noe*** [1988] Vol.LXXII.IV.84; *PA [JRM] **Angelo Cutajar & Sons Ltd vs Dr.Anthony Cremona noe** – 16.10.2003*

socjeta' konvenuta Vetreria Urso hija l-esegwibilita' effettiva tas-sentenza f' kaz ta' gudizzju sfavorevoli ghaliha.

In propositu l-Qorti tirrileva, li l-oneru tal-prova li s-socjeta Vetreria m' ghandhiex tali assi f' Malta tispetta lill-istess socjeta' li qed tissolleva l-eccezzjoni u li wara kollox hi fl-ahjar posizzjoni li tistabilixxi, anke jekk permezz ta' dikjarazzjoni guramentata, dan il-fatt. Izda kif fuq gia rilevat, Vetreria Urso ma resqet ebda xintilla ta' prova lanqas dwar dan il-punt minnha sollevat. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata minnha hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u qed tigi respinta bl-ispejjez.

Illi in vista tal-premess l-ewwel talba attrici fil-konfront tas-socjeta' Vetreria Urso hija gustifikata u ghandha tigi milqugha; filwaqt li l-istess talba fil-konfront ta's-socjeta' Express Trailers Ltd qed tigi michuda; is-socjeta' Autotrasporto ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

**Likwidazzjoni**

Illi rigward it-tieni u t-tielet talba, il-Qorti tosserva li, jirrizulta manifest li s-socjeta' attrici **Express Aluminium Limited** sofriet danni konsegwenzjali ghall-incident. Id-danni pretizi minnha jikkonsisti fil-prezz tal-hgieg miksur u fil-prezz tat-trasport li hallset, liema spejjez kellha terga' taghmel peress li kellha tordna konsenja ohra. L-ispejjez tat-trasport jammontaw ghal Lm925.97 kif jirrizulta wkoll mill-kont esebit a fol.6 u li ma giex kontestat. Il-valur totali tal-merkanzija ordnata mis-socjeta' attrici huwa ta' 59,080,680 liri taljani kif jirrizulta mill-fattura esebita fols.7 u 8. Minn dan l-ammont tnaqqas il-valur tal-merkanzija li ma sofrietx hsara, u b' hekk l-atturi qed jisostnu li l-valur tal-merkanzija danneggjata jammonta ghal 50,920.050 liri taljani [ekwivalenti ghal Lm12,115]. Dan l-ammont konfermat bil-gurament minn naha attrici ma giex kontestat mis-socjeta' Vetreria Urso, u ghalhekk din il-komputazzjoni ghandha titqies bhala korretta. In vista tal-premess it-talba ghal hlas ta' Lm13,040.97 hija gustifikata u qed tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Vetreria Urso, inkluza l-eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati, tiddikjara lil din is-socjeta' konvenuta bhala unikament responsabbli ghad-danni kagjonati lis-socjeta' attrici fil-konsenja tal-kunsinna tal-hgieg; tillikwida dawn id-danni fl-ammont komplessiv ta' tlettax il-elf u erbghin lira maltin u seba u disghin centezmi [Lm13,040.97] u tikkundanna lill-istess socjeta' thallas lis-socjeta' attrici din is-somma ta' Lm13.040.97 flimkien mal-imghax legali kif mitlub u l-ispejjez; tichad it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Express Trailers Limited bl-ispejjez a kariku tas-socjeta' attrici; u tillibera lill Giuseppe Ferrara prorpio et nomine mill-osservanza tal-gudizzju, a spejjez tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------